**Il-Ministru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma, l-Onor. Konrad Mizzi, għamel stqarrija ministerjali dwar l-Espessjoni ta' Interess u Kapaċità għal *Long Term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement***

Sur President,

Dan il-gvern irid ikun trasparenti u għalhekk, kif kont għidt li ser nagħmel ħassejt li kien xieraq li naġġorna lil dan il-Parlament u lill-poplu Malti u Għawdxi bil-progress li għamel il-Ministeru b'rabta' ma' dak li l-poplu tagħna mandat biex naħdmu fuqu qabel l-elezzjoni ġenerali li għadha kemm għaddiet.

Wegħda ewlenija li għamilna lill-familji Maltin u Għawdxin qabel l-elezzjoni ġenerali kien dik ta' roħs ta' medja ta' 25% fil-kontijiet tad-dawl u ta' 5% fil-kontijiet tal-ilma. Dan il-gvern diġa beda jaħdem biex iwettaq dak li wiegħed. F'inqas minn xahar wara l-elezzjoni, ħrigna sejħa internazzjonali għall-espressjoni ta' interess u kapaċita' għal Long term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement.

Il-Ġimgħa 10 ta' Mejju, kienet id-data sa meta dawk li kienu interessati setgħu jissottomettu l-interess tagħhom.

Ilum fil-Parlament qed inħabbar li kien hemm ammont sostanzjali ta' kumpaniji li talbu li jieħdu dan id-dokument.

Minnhom dsatax-il kumpanija esprimew interess u għamlu s-sottomissjoni tagħhom għall-Long Term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement. Fosthom hemm ismijiet ta' kumpaniji kbar Internazzjonali u rinomati fis-settur tal-enerġija. Se nsemmihom skont in-numru ta' referenza tas-sottomissjoni.

Dawn huma:

ElectroGas Malta Consortium
Daewoo Shipbuilding and Marine Engineering Co Ltd
Edison S.p.A
GMR Energy Limited
Bumi Armada
Abener Energia SA
Vitol SA
Endeavor Energy Holdings LLC and Exodus Crossing LLC
Yildirim Energy Investments INC
Energy World International Limited
SOFFIMAT – GESTAMP
MED-GAS AS
Gasfin Development SA
CPECC China Power Engineering Consulting Group Corporation
Independent Power Corporation PLC
MAG AIR Energy LLC

Devco International LLC
Shell Gas & Power Developments B.V.
GAZPROM Marketing & Trading Limited

Dawn id-dsatax-il sottomissjoni huma xhieda tal-interess qawwi li hemm għall-proġett il-ġdid tal-Enerġija kif konna qed ngħidu saħansitra minn qabel l-elezzjoni ġenerali.

La darba issa nfetħu s-sottomissjonijiet mitfugħa, issa jibda l-proċess ta' evalwazzjoni fejn wara li jiġu shortlisted l-entitajiet li jikkwalifikaw skond it-termini tal-espressjoni ta' interess, dawn jintalbu biex jagħmlu proposta iktar dettaljata biex naslu ghad-deċiżjoni finali dwar l-entita' magħzula sal-aħħar ta' Settembru.

Ix-xogħol tagħna ma kienx marbut biss mal-ħruġ tal-espressjoni ta' interess u kapaċita'.

Waqt li kien għaddej dan il-proċess, diġa beda x-xogħol meħtieġ inkluż l-istudji neċessarji li għandhom eventwalment jiggwidaw lill-operatur privat magħżul Diskussjonijiet preliminari mal-awtoritajiet ewlenin f'pajjiżna jinsabu wkoll għaddejjin bħalissa, inkluż mal-MEPA, Transport Malta u l-Awtorita għas-Saħħa u Sigurta' fost l-oħrajn. Għaddej ukoll ix-xogħol fuq il-*Project Description Statement* li għandu jiġi sottomess lill-MEPA filwaqt li numru ta' studji oħra inkluż l-istudju Topografiku u stħarriġ Ġeotekniku u anke' *Bathymetric Survey* diġa nbdew.

Minħabba raġunijiet ta' sensittivita kummerċjali, malli nbeda dan il-proċess, aħna ngħatajna parir legali biex ma nippublikawx id-dokument tal-EOIC. Aħna mxejna ma' dan il-parir u b'rispett lejn dawk li ġabruh dan id-dokument ma ppubblikajnihx.

L-impenn tagħna hu li dan ikun proċess kompetittiv u miftuħ, għalhekk, li wara li għalqet id-data ta' sottomissjonijiet mingħand dawk interessati, llum qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra, id-dokument tal-Espressjoni ta' Interess u Kapaċità għal Long Term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement.

Dan juri li għal kuntrarju ta' dak li ilha tipprova tinsinwa l-oppozizzjoni, aħna m'għandna xejn x'naħbu. L-uniku interess taghna huwa li naħdmu biex inwettqu dak li wegħdna wara kollox għal ġid tal-familji tagħna, l-industrija u anke' l-intrapriża.

Aħna mhux biss gvern li beda jaħdem sa mill-ewwel ġurnata biex iwettaq dak li wiegħed imma gvern li għandna għal qalbna l-aħjar interess tal-familji.

Dan huwa gvern miftuħ li jrid iżomm infurmat lill-pubbliku u jimxi bl-akbar livelli ta' trasparenza imma forsi l-opożizzjoni għadha m'hijiex imdorrija għal din it-tip ta' politika ġdida li ilu jrid il-poplu, fejn l-interess tal-poplu jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Biex naċċertaw trasparenza u niżguraw ruħna li l-aħjar *entita' tintgħażel*, dawk li fl-istadju ta' EOIC isibu oġġezzjoni u jridu jappellaw jistgħu jagħmlu dan mhux biss fil-qorti, istituzzjoni li dan il-gvern għandu fiduċja sħiħa fiha, iżda anke quddiem bord t'appell.

Dan il-Bord se jkun bord awtonomu u indipendenti, kostitwit minn persuni indipendenti għal kollox minn dan il-proċess. Dan il-bord se joffri l-faċilita' lil Kumpaniji jew entitajiet li ma jaqblux mad-deċiżjoni meħuda mill-Enemalta li anke fl-istadju tal-espressjoni ta' interess għall-Long Term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement ikunu jistgħu iressqu l-każ tagħhom quddiem dan il-bord awtonomu.

Dan huwa possibbli grazzi għall-ħidma li qed iwettaq il-gvern fejn permezz t'avviż legali li tfassal apposta jitwaqqaf dan il-bord awtonomu u jingħata is-saħħa legali li jwettaq ix-xogħol tiegħu bl-indipendenza meħtieġa. L-Enemalta se tkun qed timxi ma' din il-liġi u tissottometti ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' dan il-bord awtonomu anke' fil-fażi tal-EOIC.

Dan se jfisser li kandidati li ma jaqblux mad-decizjoni tal-Enemalta se jkollhom l-għażla li jirrikoru għall-proċess ta' revizjoni tad-deċiżjoni taħt Artiklu 11 tal-EOIC u jappellaw lil dan il-bord awtonomu fil-parametri li titlob il-liġi.

Din il-ħidma saret biex il-proċessi kollha tal-għoti tal-kuntratti inkluż il-proċess li għandu jwassal għall-Long Term Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement ikunu proċessi għal kollox kompettitivi u miftuħa kif minn dejjem kienet l-intenzjoni tagħna. Għalhekk li kif inhu xieraq infurmajna lil dawk kollha li kienu interessati b'dawn l-iżviluppi pożittivi.

Sur President, dan huwa biss il-bidu tal-proċess li bih il-Gvern se jasal biex iraħħas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif ingħata l-mandat li jagħmel fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Proċess li se jwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar, arja aktar nadifa u effiċjenza akbar.